

## Dispożittiv

It-tieni inċiż tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE, tas-17 ta' Lulju 1969, li tikkonċerna taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital, kif emendata bl-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġusta-menti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, jimponi li, waqt l-iffissar tal-ammont taxxabbi għall-finijiet tad-dazju fuq il-kapital fuq iż-żieda tal-kapital ta' kumpannija li seħħ permezz ta' konverżjoni fazzjonijiet, wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Polonia mal-Unjoni Ewropea, ta' self meħud minn din l-istess kumpannija qabel din l-adeżjoni, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni t-tassazzjoni ta' qabel ta' dan is-self abbażi tal-liġi nazzjonali fis-seħħ fdak iż-żmien.

<sup>(1)</sup> ĠU C 327, 20.12.2008.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-12 ta' Novembru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq**

(Kawża C-495/08) <sup>(1)</sup>

*(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 85/337/KEE — Stima tal-impiatt ambjentali ta' proġetti — Obbligu li deċiżjoni sabiex proġett ma jiġix suġġett għal stima tkun motivata)*

(2010/C 11/07)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Oliver u J.-B. Laignelot, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: L. Seaboruth u H. Walker, aġenti, J. Maurici, barrister)

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175, p. 40) — Obbligu li deċiżjoni sabiex proġett ma jiġix suġġett għal stima tkun motivata

## Dispożittiv

(1) Billi ma ssottommettiex l-applikazzjonijiet għar-Review of Mineral Planning ippreżentati f'Wales qabel il-15 ta' Novembru 2000

għar-rekwiżiti tal-Artikoli 2(1) u 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE, tat-3 ta' Marzu 1997, ir-Renju tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħi taħt din id-direttiva.

(2) Ir-Renju tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 32, 07.02.2009.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-12 ta' Novembru 2009 — Le Carbone-Lorraine SA vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

(Kawża C-554/08 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Artikolu 81KE u Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Suq tal-prodotti abbażi ta' karbonju u grafita għall-applikazzjonijiet elettriċi u mekkaniċi — Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 — Determinazzjoni tal-ammont tal-multa — Gravità tal-ksur — Kooperazzjoni matul il-proċedura amministrattiva — Prinċipju tan-natura individwali tal-pieni — Trattament ugwali — Prinċipju ta' proporzjonalità)*

(2010/C 11/08)

Lingwa tal-proċedura: Il-Franċiż

## Partijiet

Appellant: Le Carbone-Lorraine SA (rappreżentanti: A. Winckler u H. Kanellopoulos, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre u E. Gippini Fournier, aġenti)

## Suġġett

Appell ippreżentat mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla), tat-8 ta' Ottubru 2008, Carbone-Lorraine vs Il-Kummissjoni (T-73/04), li biha l-Qorti tal-Prim'Istanza cāħdet ir-rikorrenti tar-rikorrenti għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/420/KE, tat-3 ta' Diċembru 2003, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 tat-Trattat KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE dwar akkordju fis-suq ta' prodotti abbażi tal-karbonju u tal-grafita għall-applikazzjonijiet elettriċi u mekkaniċi jew, sussidjarjament, għall-annullament jew għat-tnejha tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti — Ksur tal-prinċipju tan-natura individwali tal-pieni — Metodu ta' kalkolu tal-ammont tal-multa imposta — Kooperazzjoni mill-qrib u kostanti matul il-proċeduri amministrattivi — Prinċipji ta' proporzjonalità u ta' trattament ugwali